**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 961/2006 AF**

**Mare Blu Tuna Farm Limited**

**vs**

**Kuraturi Deputati a nom tal-bastiment assenti MV Ray G**

**u b'digriet tal-Qorti tal-1 ta' Dicembru 2006 gie nominat Dr. Louis Cassar Pullicino bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta bastiment assenti MV Ray G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Mare Blu Tuna Farm Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fil-lejl bejn id-disgha u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), bastiment bl-isem ta' MV Ray G bin-numru ta' registrazzjoni ta' l-IMO 9293997 irregistrat fl-Italja, b'tul ta' mija u erbgha u hamsin metru (145m) dahal fuq qasam tal-hut (*fish farm*) proprjetà tas-socjetà rikorrenti, Mare Blu Tuna Farm Limited, li tinsab madwar erbgha mili nawtici 'l boghod mill-kosta Maltija ta' Marsascala, u kkaguna diversi hsarat.

Is-socjetà attrici zzomm, trabbi u thaxxen ghal qatla tonn tat-tip '*blue fin*', f'dan il-qasam tal-hut sabiex ikun mibjugh u esportat barra minn Malta.

Ghal diversi minuti qabel sehh l-incident bastimenti madwar il-qasam tal-hut u li huma stazzjonati f'dawk l-ibhra biex jiffornixxu xoghol ghas-socjetà attrici, wissew il-kaptan tal-bastiment MV Ray G, permezz tar-radju, li fir-rotta tieghu ser jolqot il-qasam tal-hut u huwa ta' periklu ghal bastimenti ohra fl-inhawi. Minkejja dawn it-tentattivi ta' twissija l-bastiment xorta wahda dahal fil-qasam tal-hut hawn fuq imsemmi.

Meta sehh l-impatt mal-qasam tal-hut, il-bastiment konvenuta ma waqfitx u baqghet sejra fuq ir-rotta taghha.

Il-bastiment laqat zewg gaggeg minn sett ta' sitta li jifformaw parti mill-qasam tal-hut. Illi gagga wahda kienet vojta però l-gagga l-ohra kellha madwar mitt tunellata metrika ta' tonn u li bl-impatt harab u ma setax jinqabad, bil-konsegwenza li l-bejgh tieghu ntilef.

Dawn il-gageg ma setghux jinstabu wara li sehh l-impatt u probabilment tkaxkru mal-vapur u gherqu fl-ibhra tal-madwar.

Ghalhekk il-hsarat u d-danni fil-qasam tal-hut jikkonsistu fost ohrajn fis-segwenti:

(a) Telf ta' bejgh ta' madwar mitt tunellata metrika ta' tonn li harab minn wahda mill-gageg tal-qasam li kien involut fl-incident mertu tal-kawza;

(b) Dghajsa jismha Sakata li kienet irmunkata ma' wahda mill-gageg involuti fl-incident mertu tal-kawza;

(c) Zewg gageg li ma nstabux wara l-impatt mal-bastiment MV Ray G;

(d) Xibka zghira maghrufa ahjar bhal 'Japanese Small Net';

(e) Pizijiet biex jzommu l-gageg f'posthom fil-qasam tal-hut;

(f) 'Wire Rope';

(g) Eluf ta' metri ta' hbula;

(h) Baga;

(i) Disa' settijiet ta' ankri u katini.

Is-socjetà rikorrenti kontinwament tassigura sabiex il-qasam tal-hut, proprjetà taghha, hija ben visibli ghal bastimenti ghaddejin f'dawk l-ibhra, kemm b'inhar kif ukoll bil-lejl permezz ta' bagi, dawl u bastimenti, proprjetà tas-socjetà rikorrenti.

Apparti l-prekawzjonijiet mehuda mis-socjetà rikorrenti sabiex jigu evitati incidenti bhal dak mertu tal-kawza, il-Gvern Malti pogga wkoll diversi bagi li juru l-parametri tal-qasam tal-hut f'dawk l-akkwati fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza.

Apparti dawn il-prekawzjonijiet il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti tkun immarkata fuq ir-radar ta' kull bastiment li huwa ghaddej f'dawk l-ibhra.

Il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti ghanda tkun immarkata fuq il-karti ta' navigazzjoni ta' kull bastiment li tkun ghaddeja minn

dawk l-ibhra u li ghandhom ikunu aggornati minn zmien ghal zmien.

L-unika mod kif il-bastiment MV Ray G seta' dahal fuq il-proprjetà tas-socjetà attrici huwa permezz ta' traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli.

Is-socjetà propjetarja tal-bastimenti konvenuta, peremezz ta' l-assikuraturi taghha 'The Standard', ghamlet u pprezentat, bla pregudizzju, favur is-socjetà attrici '*Letter of Undertaking*' li fiha qed tiddikjara li fl-eventwalità proceduri gudizzjarji jew permezz ta' arbitragg il-vapur jinsab responsabbli ghad-danni hawn fuq deskritti, huma lesti jhallsu dawn l-istess danni.

Permezz ta' '*Letter of Undertaking*' is-socjetà propjetarja tal-bastiment MV Ray G, accetatt il-gurisdizzjoni *in rem* tkun il-gurisdizzjoni ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-incident mertu ta' din il-kawza kien unikament tort tal-bastiment MV Ray G u sehh minhabba traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli;

2. Tillikwida d-danni subiti mis-socjetà attrici;

3. Tordna lil bastiment MV Ray G thallas id-danni hekk likwidati lis-socjetà attrici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa ta' Dottor Louis Cassar Pullicino li b'digriet tal-1 ta' Diċembru 2006 ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-bastiment assenti M.V. Ray G li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fid-29 ta' Settembru 2006, l-bastiment M.V. Ray G kien qed jaghmel vjagg lejn Santa Panagia biex jghabbi merkanzija minn hemm u gie dirett lejn Malta biex jigi supplit bi bunkers. Il-

bastiment nghata struzzjonijiet mill-ufficcju tal- Harbour Master hawn Malta biex jipprocedi fiz-zona maghrufa bhala "Bunkering Area number 4".

Il-bastiment wasal f'din iz-zona ghall-habta tal-5:30 ta' wara nofs in-nhar u ankra fil-posizzjoni Lat. 35/48 8N Long. 014/35. Ghall-habta tal-5:45 pm wasal il-bastiment M.T Santa Elena vicin il-bastiment Ray G biex jigu suppliti l-bunkers necessarji. Kien hemm bastimenti ohrajn f'din l-istess zona. L-operat tal-bunkering beda fis-6:54pm u dam sat-8:54pm.

Wara li telaq il-bastiment M.T Santa Elena minn vicin il-bastiment Ray G, issokta l-vjagg tal-bastiment Ray G ghall-habta tal-11:45pm lejn Santa Panagia.

Il-vjagg ipproceda u ntemm fid-destinazzjoni tieghu minghajr ebda xkiel jew problemi. Però wara li wasal il-bastiment f'Santa Panagia l-ghada 30 ta' Settembru 2006, ghall-habta tas-7:00pm is-sidien tal-imsemmi bastiment gew mgharrfa mill-agenti taghhom f'Malta li kien sar kuntratt mis-socjetà rikorrenti tramite l-avukati taghhom biex tigi avvanzata l-pretensjoni mertu ta' dawn il-proceduri. F'dan l-istadju s-sidien saru jafu ghall-ewwel darba li s-socjetà rikorrenti kienet qed tallega li kienet sehhet kollizjoni bejn il-bastiment Ray G u zewg gageg li fihom jitrabba t-tonn mis-socjetà rikorrenti. Gie allegat ukoll illi kien sar kuntratt jew komunikazzjoni minn terzi li kienu vicin dawn il-gageg mal-Kaptan jew l-ekwipagg tal-bastiment sabiex iwissu illi kienet ser issir hsara bil-movimenti tal-bastiment izda wara li saret indagni mal-istess ekwipagg irrizulta li dan ma kienx minnu u li ma kienu saru l-ebda kuntatti telefonici jew komunikazzjonijiet b'mezzi ohra u li fuq kollox ma kien hemm xejn x'jindika li kien hemm kollizjoni jew li kien sar kuntratt bejn il-bastiment Ray G u l-gageg tal-hut.

Minkejja dan u minghajr ebda pregudizzju, is-sidien tal-bastiment tramite l-assikuraturi taghhom urew ruhhom disponibbli li tinghata garanzija biex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet avvanzati mis-socjetà rikorrenti. Effettivament kien hemm negozjati diretti bejn l-avukati tas-socjetà rikorrenti u l-P&I Club li jassikura l-bastiment Ray G, (The Standard Steamship Owners' Protection and Indemnity Association

[Bermuda] Limited) li finalment waslu biex tinhareg favur l-istess socjetà rikorrenti "Letter of Undertaking" datata 6 ta' Ottubru 2006 (Dok. LCP1) li biha essenzjalment is-socjetà rikorrenti nghatat garanzija mill-P&I Club ghall-pretensjonijiet tas-socjetà rikorrenti. Din il-garanzija nghatat direttament lis-socjetà rikorrenti u ma gietx depozitata fir-registru tal-Qorti. Il-bastiment Ray G ma kienx Malta la meta giet avvanzata l-pretensjoni tas-socjetà rikorrenti fit-30 ta' Settembru 2006 u lanqas meta gew intavolati dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Ottubru 2006. F'ebda stadju ma gie mizmum jew arrestat l-istess bastiment f'xi gurisdizzjoni in kawtela tal-pretensjonijiet avvanzati mis-socjetà rikorrenti.

Kif jirrizulta mill-istess garanzija u kuntrarjament ghal dak premess mir-rikorrenti fir-rikors promotur, mhuwiex minnu li s-socjetà proprjetarja tal-bastiment Ray G accettat il-gurisdizzjoni in rem tal-Qrati ta' Malta.

Wara li kienet inghata l-garanzija in kwistjoni, kemm l-esponenti nomine kif ukoll l-assikuraturi kienu talbu lir-rikorrenti u l-avukati taghhom sabiex minghajr pregudizzju jaghtuhom l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni li kellhom in sostenn tat-talbiet avvanzati u dan bl-iskop li jissoktaw id-diskussjonijiet bejn il-partijiet minghajr il-htiega li jsiru proceduri mghaggla izda l-esponenti baqghu qatt ma rcevew ebda risposta jew ebda taghrif kif mitlub u kuntrarjament irrizulta li s-socjetà rikorrenti ppreferiet li tibda dawn il-proceduri minghajr ma tiddiskuti l-kaz.

ECCEZZJONIJIET

Abbazi tal-fatti hawn fuq esposti u b'riserva li l-intimat jressaq l-provi kollha li jirrizultaw opportuni fil-kaz, l-esponenti nomine qed javvanza s-segwenti eccezzjonijiet:

In linea preliminari, din il-Qorti bhala Qorti tal-Vici Ammiraljat, ma ghandhiex il-gurisdizzjoni mehtiega biex tiehu konjizzjoni tal-azzjoni proposta mis-socjetà rikorrenti, billi essendo azzjoni *in rem*, huwa rekwizit fondamentali illi l-bastiment ikun prezenti fl-ibhra territorjali Maltin u mizmum jew maqbud b'ordni tal-Qorti fil-mument li tigi avvanzata l-azzjoni in kwistjoni sabiex il-

Qorti jkollha l-gurisidzzjoni mehtiega.  Kif gja permess, il-bastiment intimat ma kienx f'Malta f'ebda stadju rilevanti u wisq anqas kien soggett ghal xi mandat ta' qbid u/jew mandat ta' impediment tal-partenza, bil-konsegwenza illi l-bastiment intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea preliminari ukoll, l-azzjoni hija irritwali u insostenibbli billi azzjoni *in rem* kontra bastiment assenti hija legalment inkoncepibbli sakemm il-bastiment konvenut ma jkunx gie mizmum b'ordni tal-Qorti b'mandat kawtelatorju, liema mandat mbaghad jigi revokat bl-opportun kontro mandat u b'depositu kontestwali ta' garanzija jew depositu.  F'kull kaz u indipendentement mill-premess il-hatra ta' kuratur deputat hija wkoll irritwali stante li l-ligi ma tikkontemplax hatra ta' kuratur in rapprezentanza ta' bastiment assenti.

Kwantu ghall-mertu tal-kaz, jigi eccepit illi l-ebda tort jew responsabbilità ma hija imputabbli lill-bastiment intimat billi ma sar beda kuntatt jew kollizzjoni bejn il-bastiment M.V. Ray G u l-gageg proprjetà tas-socjetà rikorrenti u ghalhekk l-kagun tal-incident in kwistjoni kif ukoll danni konsegwenzjali sofferti ma kienx il-bastiment intimat.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi b'xi mod il-bastiment intimat jigi misjub responsabbli ghall-akkadut, dan l-incident ma sehhx minhabba negligenza grossolana kif allegat u ghalhekk kwalunkwe responsabbilità tal-bastiment intimat hija limitata skond il-ligi.

Rat illi permezz ta' sentenza tat-30 ta' Ottubru 2007, din il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Dottor Louis Cassar Pullicino noe u għaldaqstant, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi.

Rat illi permezz ta' sentenza tat-8 ta' Jannar 2010, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tas-soċjetà attriċi u rrevokat is-sentenza ta' din il-Qorti u ordnat li l-atti tal-kawża jiġu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex jiġi eżaminat u deċiż il-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti.

Rat illi permezz ta' sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tar-ritrattand Dottor Louis Cassar Pullicino noe, premessa bir-rikors ta' trattazzjoni tiegħu, peress li l-aggravji fih kontenuti għal fini ta' ritrattazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża għad-danni minħabba allegat inċident li seħħ fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta' Settembru 2006.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi, li tħaddem qasam tal-ħut ossia *fish farm* li tinsab madwar erba' mili nawtiċi 'l bogħod mill-kosta ta' Marsaskala, qiegħda tallega li fl-imsemmi lejl, il-bastiment konvenut M.V. Ray daħal fuq dan il-qasam tal-ħut u kkaġunalha ħsara kbira kemm fil-gaġeġ u apparat ieħor li jintuża għat-trobbija u simna tal-ħut tat-tip *blue fin tuna* u kif ukoll telf ta' bejgħ ta' madwar 100 tunnelata ta' ħut li ħarab minn waħda mill-gaġeġ kawża tal-inċident.

Da parti tiegħu, Dr. Cassar Pullicino għall-bastiment konvenut jgħid illi dakinhar, il-bastiment kien fi triqtu lejn il-port ta' Santa Panagia, Sqallija, u ġie dirett lejn Malta sabiex jiġi supplit b'*bunkers*. Huwa ngħata struzzjonijiet mill-uffiċċju tal-*Harbour Master* hawn Malta sabiex jipproċedi fiż-żona magħrufa bħala *Bunkering Area number 4*. Skont il-bastiment konvenut, il-vjaġġ ipproċeda u ntemm fid-destinazzjoni tiegħu mingħajr l-ebda xkiel jew problemi u kien biss l-għada li s-sidien tal-bastiment ġew mgħarrfa mill-aġenti tagħhom ġewwa Malta li kienet qiegħda tiġi avvanzata l-pretensjoni mis-soċjetà attriċi li kien seħħ impatt bejn il-bastiment u l-qasam tal-ħut tagħha.

Għalhekk, il-bastiment konvenut jeċċepixxi li l-ebda tort jew responsabbiltà ma hija imputabbli lilu billi ma sar l-ebda kuntatt u ma seħħet l-ebda kolliżjoni bejn il-bastiment u l-gaġeġ proprjetà tal-attriċi u li allura l-bastiment la kien il-kaġun tal-inċident allegat u lanqas tad-danni konsegwenzjali allegatament sofferti mill-attriċi.

Mill-atti jirriżulta wkoll illi madwar xahar qabel ma seħħ l-allegat inċident mertu ta' din il-kawża, kien għadda bastiment ieħor bl-isem ta' MV CoralWater minn fuq il-qasam tal-ħut tal-attriċi. Dan l-inċident kien il-mertu tal-każ fl-ismijiet Mare Blu Tuna Farm Limited vs Dr Ann Fenech noe, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-12 ta' Jannar 2016.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti,

> *"tiddikjara li l-inċident mertu ta' din il-kawża kien unikament tort tal-bastiment MV Ray u seħħ minħabba trasksuraġni grossa u fl-istess ħin konsapevoli li inċident bħal dan kien wisq probabbli."*

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-imsemmi każ tal-MV CoralWater dwar talba identika tal-attriċi:

> *"Evidentement is-socjetà attrici mpostat l-ewwel talba b'dak il-mod sabiex tkun tista' xxejjen kwalsiasi limitazzjoni ta' responsabilità li jista' javvanza l-bastiment skond il-ligijiet marittimi. Fil-fatt hekk ghamel il-bastiment fil-kaz tal-lum (ara l-hames eccezzjoni). Billi l-ligijiet marittimi jikkostitwixxu legis specialis huma jidderogaw mil-ligi generali u cioè mid-disposizzjonijiet tal-culpa aquiliana skond il-Kodici Civili (op. cit.).*
>
> *...*
>
> *Huwa l-attur li jistabilixxi l-parametri tal-azzjoni. U l-konvenut jiddefendi ruhu kontra l-azzjoni kif proposta mill-attur. Issa fil-kaz tal-lum, is-socjetà attrici ma marritx ghal semplici azzjoni ghal danni naxxenti minn culpa aquiliana skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili. Ghazla taghha s-*

> *socjetà attrici marret ghal azzjoni fejn imputat lill-bastiment konvenut mhux culpa aquiliana semplici izda marret ghal grad aktar gholi ta' responsabilità u cioè dak ta' traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli u dan sabiex tittenta tikseb il-milja tal-pretensjoni taghha in linea ta' danni."*

Stabbilit dan kollu, il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti. Mhux kontestat illi l-attriċi kellha permess mingħand l-awtoritajiet konċernati sabiex topera qasam tal-ħut fiż-żona in kwistjoni. Lanqas ma jirriżulta li huwa kontestat illi dakinhar tal-allegat inċident dan il-qasam tal-ħut kien jidher fuq in-*navigational charts* rilevanti, kemm dawk li normalment jintużaw mill-baħħara lokali u kif ukoll mill-bastimenti li jkunu qed jaqsmu ibħra internazzjonali u jidħlu fl-ibħra maltin għall-*bunkering*, bħal ma ġara fil-każ tal-lum.

Li l-qasam tal-ħut kien mgħammar bid-dawl mal-perimetru u b'apparat bħal *radar reflectors* u bagi wkoll jirriżulta mill-atti. Għalkemm ix-xhud Joseph Bianco in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed illi meta spezzjonaw is-sit sabu li d-dwal *'ma kinux skont l-ispecifications li konna tajnihom ossia ta' 5 mili nawtiċi'* stante li *'kienu madwar 500 metru'*, id-difiża tal-bastiment konvenut mhijiex illi għal xi raġuni il-kaptan ma rax il-qasam tal-ħut jew ma kienx jaf bih, imma li huwa m'għaddiex minn fuqu.

Skont Giovanni Cappitta, wieħed mid-diriġenti tas-soċjetà attriċi, il-kumpannija tiegħu għandha 10 gaġeġ f'dan il-qasam tal-ħut li fihom iżżomm, trabbi u tħaxxen it-tonn tat-tip *blue fin* sabiex imbagħad tbiegħu u tesportah. Skont hu, il-bastiment konvenut laqat żewġ gaġeġ, dik bin-numru 6 u dik bin-numru 7.

F'dawn il-gaġeġ jitpoġġa il-ħut li tkun xtrat l-attriċi peress li t-tonn jinqabad mis-sajjieda tas-soċjetà Ricardo Fuentes E Hijos S.A. li hija kumpannija Spanjola u azzjonista tas-soċjetà attriċi. Meta t-tonn ikun dieħel fil-gaġeġ tal-qasam tal-ħut, ikun hemm l-għaddasa tas-soċjetà attriċi u xogħolhom ikun illi jiġbdu filmat tal-ħut dieħel sabiex imbagħad jgħodduh. Sabiex isir kalkolu ta' kemm jiżen il-ħut f'kull gaġġa, l-impjegati tas-soċjetà attriċi

jiżnu l-ħut li jkun miet fil-proċess ta' ġabra sabiex joħorġu l-piż medju ta' kull gaġġa.

Wara li jinqabad u jitpoġġa fil-gaġeġ, it-tonn idum diversi xhud jitħaxxen qabel ma jinqatel fl-istaġun tal-mattanza li jkun lejn l-aħħar ta' Settembru u jibqa' għaddej tul Ottubru u Novembru. Huwa xogħol l-ekwipaġġ taż-żewġ bastimenti MV Daniela u MV Graziella li jaghlef il-ħut u li jgħasses il-qasam tal-ħut.

Ix-xhud jinsisti li l-qasam tal-ħut mertu tal-każ huwa ben viżibbli għall-bastimenti li jkunu qed jinnavigaw fl-ibħra tal-madwar. Dan peress illi ż-żona ta' akkwakultura li fiha jinsab il-qasam tal-ħut huwa mdawwar b'sitt bagi kbar mgħammra bid-dawl u l-periferija tal-qasam tal-ħut u l-gaġeġ individwali huma immarkati permezz ta' bagi, dwal u *radar reflectors*. Jispjega wkoll li ż-żona ta' akkwakultura tkun immarkata fuq il-karti ta' navigazzjoni ta' kull bastiment, liema karti għandhom ikunu aġġornati minn żmien għal żmien.

Skont ix-xhud, dakinhar tal-inċident, il-gaġġa numru 7 ma kellhiex ħut minħabba li l-ħut li kien hemm f'dik il-gaġġa ħarab konsegwenza tal-inċident tal-CoralWater ix-xahar ta' qabel filwaqt li fil-gaġġa numru 6 kien hemm 111, 335kg ta' tonn peress li kien diġà beda l-proċess ta' mattanza tat-tonn f'din il-gaġġa.

Ix-xhud ikompli billi jispjega li l-attriċi qiegħda għalhekk titlob danni għas-segwenti ħsara li tgħid li sofriet minħabba li l-bastiment daħal fil-qasam tal-ħut tagħha:

- *Harvest boat* (€60, 000)
- Gaġeġ (€36, 578.83)
- Xbieki (€66, 840)
- Xbieki Ġappuniżi (€60, 637.90)
- Piżżijiet (€6, 279)
- Ħbula tal-Azzar (€1, 694)
- Ħbula u *Shackles* (€13, 678.90)
- Baga (€800)
- Ankri, ktajjen u *swivels* (€11, 335.49)
- Tonn (€1,800, 315)
- Pagi (€22, 851.21)

Total: €2,081,210.33

It-teżi attriċi hija msejsa in parte fuq xhud okkulari u ċioè l-kaptan tal-bastiment MV Graziella li dakinhar kien għassa mal-qasam tal-ħut tal-attriċi. Il-kaptan Jang Byeong Hwa xehed permezz ta' affidavit. Hu jispjega li dak il-lejl kien hu li personalment kien qiegħed għassa mal-gaġeġ tat-tonn u li madwar nofs il-lejl ir-*radar* beda jimmarka bastiment ieħor f'distanza ta' inqas minn 3 mili u li għalkemm ipprova jikkomunika mal-bastiment fuq il-VHF radio kif għamel ukoll il-bastiment MV Daniela li wkoll kien għassa mal-gaġeġ, kien kollu għal ta' xejn għaliex il-bastiment, li skont l-AIS (*Automatic Identification System*) tal-bastiment tiegħu kien il-bastiment konvenut, baqa' għaddej minn fuq il-qasam tal-ħut. Dak il-ħin huwa għamel kuntatt mal-Valletta Port Control u d-diriġenti tas-soċjetà attriċi sabiex jinfurmahom bl-akkadut.

Xehed ukoll Pierre Spiteri, manager mal-attriċi li kien wieħed mill-ewwel persuni fuq il-post wara l-inċident. Huwa xehed dwar il-ħsarat li sab dakinhar u kif ukoll fuq il-miżuri ta' sigurtà li kien hemm fuq il-post biex il-qasam tal-ħut ikun viżibbli. Iżid jgħid illi l-informazzjoni li daħlitilhom kienet li għadda vapur viċin ħafna tal-qasam tal-ħut.

L-attriċi inkarigat lil Lloyd's Marine Intelligence Unit ta' Londra li da parti tagħha ġabret l-informazzjoni mingħand il-kumpannija estera Marico Marine sabiex tagħmel *plotting* tar-rotta li ħa l-bastiment konvenut dakinhar tal-allegat inċident skont l-AIS. Ċertu Keith Bentley, investigatur ma' Lloyd's, spjega permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu 2007, mibgħuta lil Dr. Cedric Mifsud għall-attriċi, li '*AIS (Automatic Identification System) is a system whereby the vessel carries a radio transmitter which transmits a signal giving the vessel's position, course and speed and the time of the signal and which identifies the vessel as the source of the signal. The signals are picked up by shore-based receivers and the data is then collected by Lloyd's Marine Intelligence Unit. The collected data was provided to us by MARICO Marine who plotted it onto electronic charts, which were printed off and which are as referred to above.*'

Ic-*charts* annessi ma' dik l-ittra juru li skont l-informazzjoni li ġabru Lloyd's u Marico Marine, il-bastiment konvenut għadda minn fuq il-qasam tal-ħut tal-attriċi f'xi ħin bejn il-ħdax u sbatax-il minuta u l-ħdax u tnejn u tletin minuta ta' bil-lejl dakinhar tad-29 ta' Settembru 2006 kif ukoll illi filwaqt li qabel seħħ l-impatt il-bastiment kien qiegħed jimxi b'veloċità ta' 12.8 knots, wara l-impatt naqqas għal 7.6 knots. Skont Keith Bentley, '*The likely explanation for the reduction in speed is that the ship hit a tuna pen and slowed down in order to investigate what it had hit and whether any damage had been caused to the hull.*'

Il-Qorti tinnota li skont dawn *ic-charts*, il-posizzjoni tal-bastiment kienet ġiet irreġistrata permezz tal-AIS fil-ħdax u sbatax-il minuta u imbagħad wara fil-ħdax u tnejn u tletin minuta. Is-*signals* in kwistjoni allura ma jurux illi l-bastiment attwalment għadda minn fuq il-gaġeġ imma hemm perjodu ta' ħmistax-il minuta bejn iż-żewġ posizzjonijiet tal-bastiment li ġew irreġistrati permezz tal-AIS. Dwar dan, l-investigatur jgħid hekk:

> "*The response to this is that the distance between the position at 23.17 and the tuna pens is about 2.2 miles. At 12.8 knots, it would take about 10 minutes or more. The distance between the tuna pens and the position at 23.32 is about .75 miles. At 7.6 knots, it would take about 5 minutes to cover this distance. There would therefore be no time available for the vessel to have deviated from her original course and then to have arrived back at the 23.32 position in the time available.* ***Admittedly the calculations are rough and ready and you may wish to carry out a more accurate calculation, but I simple offer this as a suggestion that seems to be logical in principle***." (enfasi tal-Qorti).

Il-bastiment konvenut inkariga lill-inġinier Paul Cardona sabiex iħejji rapport bil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-akkadut. Sabiex esplita l-inkarigu tiegħu, l-Inġ. Cardona talab u ngħata dokumentazzjoni mingħand l-attriċi u ma straħx biss fuq l-informazzjoni li għaddielu l-bastiment konvenut. Il-konklużjoni tal-Inġ. Cardona kienet fis-sens illi ma seħħ l-ebda impatt bejn

il-bastiment konvenut u l-qasam tal-ħut tal-attriċi u li fi kwalunkwe każ, ma seħħ l-ebda telf ta' tonn.

L-Inġ. Cardona jispjega li mill-informazzjoni li ġabar mingħand l-attriċi stess u ċioè l-AIS *tracking* ta wieħed mill-*freezer vessels* li kien għassa mal-qasam tal-ħut dakinhar, irriżultalu li filwaqt li l-bastiment konvenut verament għadda miż-żona ta' akkwakultura, huwa m'għaddiex minn fuq il-qasam tal-ħut tal-attriċi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti f'din il-kawża. Filwaqt illi qed tqis li  i) l-Inġ. Cardona la tela' u lanqas eżamina b'xi mod il-bastiment konvenut ii) la l-kaptan u lanqas xi ħadd mill-ekwipaġġ tal-bastiment konvenut ma xehed f'din il-kawża lanqas imqar permezz ta' affidavit u iii) il-*course recorder* tal-bastiment kovenut allegatament kien mitfi dakinhar tal-allegat inċident, xorta waħda ssib illi l-attriċi ma rnexxilhiex ixxejjen il-konklużjonijiet tal-espert ex parte inkarigat mill-bastiment konvenut.

Jirriżulta li l-AIS *tracking information* mgħoddija mill-attriċi lill-Ing. Cardona kienet meħuda minn waħda mill-*freezer vessels* li kienet mal-qasam tal-ħut dakinhar tal-inċident.

L-Ing. Cardona jispjega li, '*The photograph showing the heading course of the 'Ray G' shows that the vessel proceeded outside the outer metal buoys (which give the radar target) of the fish farm, i.e. the vessel did not enter the fish farm at all. The same photograph shows two other vessels, one of which is proceeding away from the direction of the fish farm.*'

L-Ing. Cardona jikkontesta wkoll il-*plotting* tar-rotta tal-bastiment konvenut kif magħmula Marico Marine.  Dan peress li:

> "*This report gives the vessel's movements and shows that if it had passed over the southern tip of the fish farming zone.*
>
> *However the Mare Blu fish farm is located at the Nothern end of the zone. This is shown on the scale drawing attached to this report where we have plotted the heading course as*

*showin in the Marico Marine drawing. Refer to Attachment No. 6.*

*This clearly shows that using the evidence supplied by Mare Blu the 'Ray G' steered clear of the fish farm. This is corroborated by the photograph showing the heading course of the 'Ray G', also supplied by Mare Blu which shows that the 'Ray G' navigated away from the steel buoys located at the outer perimeter of the fish farm. These buoys offer a good radar target which is clearly shown on the photograph forwarded by Mare Blu."*

In kontro eżami, l-Ing. Cardona jispjega li '*r-rotta li taw Marico Marine ipplotjajtha fuq ic-chart tal-lokalità turi li l-bastiment kien close tal-gaġeġ, iżda mhux neċessarjament il-bastiment għadda minn fuqhom.*'

Huwa kkonferma li '*Il-bastiment għadda minn ġol fish farming zone iżda mhux direttament mill-fish farm tas-soċjetà attriċi.*'

Ikompli billi jgħid, '*Mistoqsi ngħid jekk ladarba Marico Marine għandha informazzjoni tajba, kif tista' tiġi spjegata d-diskrepanza bejn il-plottings ta' Marico Marine u dawk tiegħi, ngħid li ta' Marico Marine il-plottings m'għandhomx indikazzjoni eżatta tal-posizzjoni tal-gaġeġ tas-soċjetà attriċi, u trid tqis ukoll id-drift ossia l-momentum tal-vapur meta dan ħa direzzjoni oħra partikolarment jekk kien għaddej bi 12 knots.*'

Il-Qorti qiegħda tifhem li l-Inġ. Cardona qed jgħid illi fuq ic-*chart* li ħejjiet Marico Marine, il-posizzjoni tal-qasam tal-ħut tal-attriċi mhux korretta. Fi kwalunkwe każ, skont l-Ing. Cardona, il-bastiment għadda viċin iżda mhux minn fuq il-qasam tal-ħut tal-attriċi.

Filfatt, l-Ing. Cardona jikkonferma huwa ngħata biżżejjed informazzjoni mingħand l-attriċi sabiex seta' jasal għall-konklużjoni li l-bastiment konvenut m'għaddhiex minn fuq il-qasam tal-ħut tagħha.

Wara li reġa ħa konjizzjoni ta' *charts* li hemm esebiti fl-atti bir-rotta li għamlet Marico Marine, l-Ing. Cardona ħejja c*hart* oħra li

fuqha mmarka r-rotta li ħa l-bastiment konvenut skont Marico Marine kif ukoll dik li għamel hu skont l-AIS *tracking* ta' wieħed mill-*frezer vessels* li ġab mingħand l-attriċi stess. Huwa rriżultalu li *'Fid-dokument tidher il-posizzjoni tal-fish farm fiż-żona fejn hi approvata fil-forma ta' rhombus, u ż-żewġ plottings tar-rotot fiż-żewġ każi juru li l-bastiment għadda madwar 50 metru 'l bogħod mill-fish farm approvata*. *Nikkonferma li miż-żewġ plottings, ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-bastiment u l-fish farm approvata'*

Huwa rilevanti wkoll li kif jispjega l-Ing. Cardona, huma l-gaġeġ bin-numri 1 u 4 li jħarsu lejn l-art. Minn ħarsa lejn *ic-chart* magħmula minn Marico Marine, wieħed jinnota li skont din *ic-chart*, il-bastiment konvenut suppost laqat dawn il-gaġeġ u mhux dawk bin-numri 6 u 7 kif qed tgħid l-attriċi. Fil-fatt, kif jispjega l-Ing. Cardona, *'Li kieku wieħed kellu jiddetermina l-allegat impatt skont il-plotting tar-rotta tal-bastiment indikatu fuq DOK MC4 X, il-konsegwenza kienet tkun li l-impatt iseħħ ma' gaġġa oħra ċioè waħda aktar lejn ix-xellug.'*

Skont l-Inġ. Cardona wkoll, huwa impossibli li l-bastiment konvenut laħaq il-veloċità ta' 12 knots f'distanza daqshekk qasira. Il-Qorti mhijiex tiġbed l-istess konklużjoni tal-attriċi dwar ir-raġuni għalfejn il-bastiment konvenut allegatament naqqas mill-veloċità. Jekk il-kaptan kien jaf li kien għaddej minn żona ta' akkwakultura, u bilfors ried ikun jaf biex l-attriċi takkużah bi traskuraġni grossa, mela jista' jkun ukoll illi naqqas il-veloċità proprju għaliex daħal f'din iż-żona u mhux neċessarjament għaliex kien jaf illi laqat xi ħaġa.

Huwa veru li l-Ing. Cardona huwa espert ex parte, imma l-Qorti tinnota wkoll illi l-attriċi ma pproduċietx ix-xhieda ta' ebda espert u lanqas talbet lill-Qorti sabiex taħtar espert tagħha. L-attriċi qiegħda tistrih fuq is-*signals* tal-AIS kif ġew *plotted* minn Marico Marine, madanakollu, u kif enfasizzat mill-Qorti aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni, l-investigatur ta' Lloyd's stess jammetti li l-kalkoli huma biss approssimattivi u ssuġerixxa li l-attriċi tiegħu ħsieb tagħmel eżerċizzju aktar akkurat, kif fil-fatt għamel l-Inġ. Cardona.

Tenut kont ta' dan kollu, l-attriċi ma rnexxiliex tikkonvinċi lill-Qorti, lanqas fuq bażi ta' probabiltà, li kien il-bastiment konvenut li dakinhar tal-akkadut għadda minn fuq il-qasam tal-ħut tagħha u kkawżalha l-ħsara fl-apparat u telf ta' ħut.

Finalment, il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-konklużjoni tal-Inġ. Cardona li mill-provi prodotti, l-allegazzjoni tal-attriċi li sofriet telf ta' ħut hija għal kollox fittizja. Is-settur tat-tonn huwa kkontrollat u rregolat b'mod strett. Kull ħuta li tinqabed, titħaxxen u tinbiegħ jew li tmut f'xi waqt tal-proċess trid tkun *accounted for*. Mid-dokumenti li l-attriċi esebiet fl-atti tal-kawża u minn dawk li volontarjament għaddiet lill-Inġ. Cardona, ma jirriżultax t-telf ta' ħut li qed tallega f'dan l-inċident u lanqas f'dak li seħħ xahar qabel fejn kien involut il-bastiment M.V. CoralWater.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-analiżi li għamel l-Inġ. Cardona, minn fejn jirriżulta li meta wieħed iqabbel kemm l-attriċi xtrat tonn, kemm mietu u kemm attwalment biegħet, kull ma hemm differenza ta' 49 ħuta (circa 7 tunnellati) minn kważi għaxart elef ħuta li xtrat l-attriċi. Dan meta l-attriċi allegat li fiż-żewġ inċidenti tilfet aktar minn tlett mitt tunnellata ta' tonn. Kieku verament ħarbu mal-mitt elf tunnellata f'tonn kawża tal-inċident mertu tal-każ tal-lum, kien ifisser li l-attriċi kellha ħafna aktar tonn milli ddikjarat lill-awtoritajiet għaliex mhuwiex verosimili li l-bejjiegħa u xerrejja ta' dan il-ħut b'valur daqstant għoli kienu ser jieħdu żball konsistenti f'mijiet ta' ħut fil-proċess ta' għadd meta l-ħut jidħol fil-gaġeġ tas-soċjetà attriċi.

Għalkemm l-attriċi tikkontesta l-konklużjonijiet tal-Inġ. Cardona dwar jekk intilifx ħut dakinhar tal-allegat inċident, ma tikkontestax id-dokumenti li straħ fuqhom l-Ing. Cardona. Dawn id-dokumenti ġew verifikati mill-Qorti stess li ma tistax ħlief taqbel mal-konklużjonijiet tiegħu.

Il-Qorti qiegħda tqis ukoll illi mhuwiex verosimili li x-xhud Giovanni Ciappitta ma sabx fir-rekords tal-kumpannija dokumenti maħruġa mill-*International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas* għas-snin 2006 u 2007 u li lanqas

seta’ jikseb kopja ta’ dawn id-dokumenti mingħand id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG